MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 290/2003

**Avviz numru 290/2003DM**

**Public Broadcasting Services Ltd**

**Vs**

**AZ Ink Co Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef mitejn u hamsa u tletin liri Maltin (Lm3,235.00) dovuta lis-socjeta, attrici ghal servizzi ta' reklamar prestati lilha fuq il-mezzi tax-xandir.

Bl-imghax mid-data tal-fattura u bl-ispejjez ta' din il-procedura u dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Mejju, 2003, u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat

kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr Peter Caruana Galizia ghall-konvenuti pprezenta nota ta' ammissjoni.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni l-Qorti qedgha tilqa t-talba attrici tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef mitejn u hamsa u tletin lira Maltin (Lm3,235) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mit-30 ta' Mejju tas-sena 2003;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------